**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 530/2021 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**AJ**

**U**

**DF**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' AJ u DF datat 4 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhat it-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (12.05.2012) fil-knisja tal-Mdina, f'Malta;*

2. *Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal;*

3. *Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech LL.D., fil-hamsa ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (5.03.2018) liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok AGJ1', il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin dan kollu wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti ta' Malta b'digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);*

4. *Illi fi klawsola numru 4 il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu manteniment*

*minghand xulxin;*

5. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet huma separati legalment;*
   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*
   iii. *Illi ai termini tal-klawzola bin-numru 4 ma hemmx obbligu ta' manteniment versu xulxin;*
   iv. *Illi ma hemmx tfal u ghaldaqstant ma hemmx kwistjonijiet dwar manteniment;*

6. *Illi dan kollu huwa dikjarat u konfermat mill-partijiet rispettivament permezz ta' affidavits hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok AGJ2' u 'Dok AGJ3;.*

7. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall ta' zwieg nhar it-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (15.05.2012) fil-Knisja tal-Mdina, Mosta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AJ xehdet** (vide affidavit fol 13) illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-12 ta' Mejju 2012 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr James Grech datat 5 ta' Marzu 2018. Ikkonfermat illi l-kontendenti ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Finalment iddikjarat li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**DF** xehed (vide affidavit fol 14) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Mejju 2012, liema zwieg jgib certifikat numru 859/2012 (Vide certifikat taz-zwieg fol 23). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech nhar il-5 ta' Marzu 2018 (vide Dok. AGJ1 fol 4 et seqq.). Ghalhekk

jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 859/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**